



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

4.9.2012

B7-0422/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

dwar l-iżvilupp ta' strateġija għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti

Sebastian Valentin Bodu

RE\911888MT.doc

PE493.578v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-iżvilupp ta' strateġija għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra li l-foresti jkopru 37.8 % tat-territorju Ewropew u jippermettu li 3 4 miljun ruħ jeżerċitaw l-attivitàajiet tagħhom fil-forestrija u fl-industriji oħra bbażati fuq ir-riżorsi tal-foresti għas-sostenn tal-ġħixien tagħhom,
 - wara li kkunsidra li l-foresti jikkontribwixxu għas-saħħa fiżika u mentali tal-individwi b'mod sinifikanti,
 - wara li kkunsidra li l-foresta taffettwa l-klima taż-żona li tinsab fiha u toħloq mikroklima differenzjata, li b'hekk tgħin biex itaffi l-eċċessi klimatiċi,
 - wara li kkunsidra li n-nirien fil-foresti ma jaffettwawx biss it-territorju tal-Istat li fih iseħħu, iżda jiddisturbaw l-ekwilibriju klimatiku taż-żona kollha kemm hi,
 - wara li kkunsidra li, fċertu każijiet, l-Istati Membri affettwati mħumiex kapaċi li jaffaċċejaw waħedhom in-nirien fuq skala kbira,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-temp xott fit-tul wassal biex faqqgħu nirien devstanti fil-foresti fil-Portugall, fi Spanja, fin-nofsinhar ta' Franza, fil-Greċja u fir-Rumanija;
- B. billi s-sistema Ewropea tal-informazzjoni dwar in-nirien fil-foresti indikat li kien hemm riskju għoli jew estrem ta' nar fpartijiet kbar tan-Nofsinhar tal-Ewropa, kif ukoll, ffit aktar fit-Tramuntana, fl-Ungerijs u fis-Slovakkja;
1. Huwa tal-fehma li jeħtieġ li tiġi żviluppata strateġija għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti, li tinkludi wkoll obbligi konkreti f'dan ir-rigward.